MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1873/1998/1

**Ivan Zammit ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` I.G. Enterprises Limited**

**vs**

**Dr. Paul Borg Olivier u PL. Gerald Bonello li b'digriet tat-2 ta' Novembru 1998 gew appuntati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Andreas Rauth**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fl-24 ta' Settembru 1998 li permezz taghha l-attur nomine wara li ppremetta:

Illi huwa l-proprjetarju tal-vettura mutur tal-marka Piaggio Typhoon bin-numru tar-registrazzjoni EAK 292.

Illi huwa kera l-istess vettura lill-konvenut kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ kiri anness u mmarkat bhala Dok IZ 1.

Illi waqt li l-vettura fuq imsemmija kienet fil-pussess tal-konvenut din giet misruqa.

Illi, ghalhekk, il-konvenut ghandu jaghti lill-attur nomine l-ammont ta’ elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti l-valur tal-mutur tal-marka Piaggio Typhoon numru ta’ registrazzjoni EAK 292.

Illi l-konvenut  huwa responsabbli wkoll ghad-danni kollha kkagunati lill-attur nomine konsegwenza ta’ l-istess serqa, liema danni jikkonsistu primarjament f’telf ta’ kirjiet ulterjuri ta’ l-istess vettura.

Illi ghalkemm l-attur sejjah lill-konvenut sabiex ihallsu l-ammont fuq imsemmi kif ukoll id-danni lilu kkagunati b’rizultat tas-serqa ta’ l-istess vettura, dan xorta baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talab li din il-Qorti, ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine l-ammont ta’ elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300), jew somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din l-Onor. Qorti anki permezz ta’ periti nominandi, rapprezentanti l-valur ta’ mutur tal-marka Piaggio Typhoon bin-numru ta’ registrazzjoni EAK 292, liema mutur insteraq waqt li kien mikri lill-konvenut;

2. tiddikjara li l-attur nomine sofra danni bhala konsegwenza tas-serqa tal-vettura msemmija liema danni jikkonsistu primarjament f’telf ta’ kirjiet ta’ l-istess mutur u danni ohra;

3. tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur nomine anke permezz ta’ periti nominati ghal dan l-iskop; u

4. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine d-danni llikwidati hekk lilu kkagunati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta’ sekwestru numru 3202/98 u tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Settembru, 1998; u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sad-data ta’ l-eventwali hlas – kollha kontra l-konvenut li gie ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-digriet tat-2 ta' Novembru 1998 li permezz tieghu gew nominati l-Avukat Dottor Paul Borg Olivier u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Andreas Rauth;
Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi deputati Dr. Paul Borg Olivier u PL Gerald Bonello nomine fejn qalu:

1. Illi f’dan l-istadju huma m’humiex edotti mill-fatti u jehtiegu jikkomunikaw ma’ Andreas Rauth sabiex ikunu jistghu jipprezentaw eccezzjonijiet fil-mertu.

2. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonjiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li l-attur nomine kien kera lil certu Andreas Rauth mutur Piaggio Typhoon numru EAK-292 permezz ta' kuntratt datat 8 ta' Settembru 1998 (Dok. IZ1 a fol. 5). Il-mutur kellu jigi ritornat, skond l-istess kuntratt, fil-11 ta' Setembru 1998. Gara pero` li fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Settembru persuna jew persuni mhux maghrufa serqu l-istess mutur minn fejn kien ipparkjah l-imsemmi Andreas Rauth.

Ghalkemm Andreas Rauth ma xehedx f'dawn il-proceduri u ma jirrizultax li l-kuraturi deputati ghamlu kuntatt mieghu, ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li l-mutur insteraq. Fl-affidavit tieghu Ivan Zammit ighid li meta Rauth infurmah li kien insteraqlu l-mutur, qallu biex imur jaghmel rapport lill-pulizija. Fil-fatt Rauth mar l-

ghassa tal-pulizija f'tas-Sliema biex jaghmel ir-rapport relattiv.

Il-kwistjoni li trid tigi rizolta hi jekk Andreas Rauth jistax jitqies responsabbli ghar-rizarciment tad-danni li sofra l-attur nomine b'konsegwenza tas-serq tal-mutur tieghu.

Fost l-obbligi ta' kull kerrej hemm dak li *"jinqeda bil-haga mikrija bhala mssier tajjeb tal-familja"* (art.1554(a) tal-Kodici Civili). Dan l-artikolu hu simili ghall-artikolu 1587 tal-Kodici Civili Taljan li dwaru G. Baudry-Lacantineri u L. Barde[1], b'riferenza ghall-Pothier, ighidu: *"Cio` significa, dice il POTHIER, che 'il conduttore deve godere e usare dalla cosa locata come un buon padre di famiglia si serve della propria; deve avere per conservarla la stessa cura che un buon padre di famiglia avrebbe per la cosa che gli appartiene'"*.

M'hemm l-ebda dubju li s-serq jammonta ghal kaz fortuwitu u f'tali eventwalita` japplika l-principju *res perit dominus*. Izda jista' jinghad li fil-kaz in ezami Andreas Rauth ha kura tal-mutur bhal ma hu mistenni li jaghmel missier tajjeb tal-familja?

Skond ir-rapport li rcieva P.S. 1113 Emanuel Aquilina fil-11 ta' Settembru 1998 fid-9.30 a.m., *"complainant who suspect in no one stated that he parked the motor cycle in front of his residence…. He further stated that the motor cycle was left secured with a chain"*. U skond ir-rapport li kiteb P.S. 772 Dennis Agius li kellem lil Rauth aktar tard fl-istess gurnata, *"Rauth … stated that when he returned home at about 02.00 a.m. he parked the motor cycle in front of the building and secured it with the chain given to him by the hirer"*. Kemm P.S. 1113 kif ukoll P.S. 772 ikkonfermaw li dak li nizzlu kien effettivament dak li kien qalilhom l-imsemmi Andreas Rauth. Sfortunatament, minhabba li Andreas Rauth ma xehedx f'dawn il-proceduri, ma setax jigi ezaminat dwar dak li allegatament qal lill-pulizija u mill-provi hemm diversi punti li jixhtu dubju

[1] *Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile - del contratto di locazione,* Vol. 1, p. 424

dwar kemm l-istess Rauth agixxa bid-diligenza rikjesta minnu.

Jinghad l-ewwel nett li skond il-kuntratt ta' kiri li huwa stess iffirma, hemm enfasizzat: "**Always put on the alarm and don't forget to chain the Motorbike**". Barra minn hekk, kemm Ivan Zammit kif ukoll Mario Zammit Barry jghidu li meta nkera l-mutur lil Rauth, Ivan Zammit spjegalu *inter alia* li l-mutur ma kienx kopert mill-assigurazzjoni ghal serq u ghalhekk enfasizzalu l-htiega li kull fejn imur jorbot il-mutur ma' arblu u jhalli l-alarm mixghul. Skond ir-rapporti tal-pulizija, Rauth qallhom li l-katina uzaha. Izda minn imkien ma jirrizulta jekk xeghelx l-alarm.

Ghalkemm P.S. 772 u P.C. 446 marru flimkien ikellmu lil Rauth fir-residenza fejn kien qieghed joqghod ma' familja Maltija, P.S. 772 ighid li nizlu isfel u Rauth uriehom ezatt il-post quddiem ir-residenza tieghu fejn kien halla l-mutur filwaqt li P.C. 446 ighid li ma nizlux. Meta P.S. 772 gie mistoqsi jekk kienx hemm arblu quddiem ir-residenza ta' Rauth, wiegeb li ma jiftakarx u dak li jaf zgur hu li Rauth qallu li kien ghamillu katina mar-rota kif urieh il-*hirer*. Il-katina ma gietx ritornata lill-attur nomine. P.S. 772 issuggerixxa li setghet ingarret b'kollox mal-mutur!

Mario Zammit Barry, hu Ivan Zammit, fl-affidavit tieghu qal li meta Rauth irritorna l-hanut mill-ghassa fejn kien mar biex jaghmel ir-rapport, huh talab ic-cwievet lil Rauth u dan qallu li ma kellux cwievet u ma kienx jaf fejn qeghdin. Dan il-fatt certament jiddebita lil Rauth b'nuqqas tad-diligenza imposta fuqu mil-ligi. Jekk verament kien halla l-mutur tieghu marbut kif suppost u, wiehed jassumi, dahhal ic-cwievet mieghu d-dar, l-ghada filghodu meta mar biex jirriprendi l-mutur u sabu nieqes, ic-cwievet kellhom ikunu fil-pussess tieghu. Ghaliex mela wiegeb li ma kellux cwievet u li ma kienx jaf fejn qeghdin?

Andreas Rauth kien obbligat jiehu hsieb il-mutur mikri lilu bid-diligenza ta' missier tajjeb tal-familja. Kellu certi obbligi imposti fuqu mill-istess kuntratt ta' kiri li huwa ffirma. Ma hemmx provi sodisfacenti li huwa ottempera ruhu ma'

dawn l-obbligi u l-mutur spicca misruq. Konsegwentement ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur nomine.

L-attur nomine qieghed jitlob rizarciment tal-valur tal-mutur in kwistjoni. Fic-citazzjoni jsemmi s-somma ta' Lm1,300. Skond l-affidavit ta' Jeffrey Scerri, impjegat mal-kumpanija venditrici tal-mutur, il-mutur inxtara ghall-prezz ta' Lm1,290. Il-Qorti ma ssibx raguni biex ma takkoljix l-ewwel talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm1,290.

Dwar it-talbiet attrici l-ohra ma ngabet l-ebda prova. Ghalkemm l-attur nomine qieghed jitlob il-likwidazzjoni u hlas ta' danni bhala konsegwenza ta' telf ta' kirjiet ta' l-istess mutur u danni ohra, l-attur nomine ma ta l-ebda indikazzjoni kemm kien jinkera ta' spiss l-imsemmi mutur u lanqas ma ndika x'inhuma d-danni l-ohra minnu pretizi. Ghalhekk it-talbiet l-ohra attrici qed jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi:

(1) tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament kif inghad u ghalhekk tikkundanna lill-imsemmi Andreas Rauth kif rapprezentat ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm1,290 valur tal-mutur tal-marka Piaggio Typhoon numru EAK-292, liema mutur insteraq waqt li kien mikri lill-konvenut, bl-imghax millum, u

(2) tichad it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet ta' l-attur nomine.

Bl-ispejjez dwar l-ewwel talba kontra l-imsemmi Andreas Rauth kif rapprezentat u bl-ispejjez dwar it-talbiet l-ohra kontra l-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------